

Brussell, 15 ta' Mejju 2023  
(OR. en)

9103/23

LIMITE

CORLX 476  
CFSP/PESC 671  
CSDP/PSDC 346  
PESCO 10  
FIN 515

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                            |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                           |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                              |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-parteeipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi l-PESCO u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti |

1. Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti.
2. L-Artikolu 46(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li kull Stat Membri li, fi stadju aktar tard, jixtieq jieħu sehem fil-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli.
3. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli rċewew notifika mid-Danimarka f'konformità mal-Artikolu 46(3) TUE, li d-Danimarka għandha l-intenzjoni li tipparteċipa fil-PESCO u li hija tista' tissodisfa l-impenji msemmija fl-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 10 tat-Trattati, dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti stabbilita mill-Artikolu 42 TUE.

4. Fit-8 ta' Mejju 2023, ir-RGħ ippreżenta lill-Kunsill Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi l-PESCO u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti (dok. 9100/23), flimkien ma' Opinjoni dwar in-Notifika mid-Danimarka dwar l-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fil-PESCO (dok. 9178/2023).
5. Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
6. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-COREPER huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
  - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi l-PESCO u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 9101/23;
  - jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali.